Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15421/1/25
REV 1

LIMITE

DATAPROTECT 299
JAI 1685
SIMPL 182

PUBLIC

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	It-triq 'il quddiem għal applikazzjoni simplifikata tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) - Sitwazzjoni attwali

Fil-kuntest tal-laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni (Ġustizzja), id-delegazzjonijiet isibu fl-anness rapport mill-Presidenza dwar it-triq 'il quddiem għal applikazzjoni simplifikata tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR).

Dan ir-rapport għandu l-għan li jiġbor, iqassar u janalizza r-riżultat u t-tagħlimiet ewlenin mid-diskussjonijiet li saru taħt il-Presidenza Daniża dwar is-simplifikazzjoni u l-applikazzjoni tal-GDPR, flimkien ma' deskrizzjoni ta' toroq possibbli 'l quddiem bil-ħsieb li tikkontribwixxi għal riflessjonijiet futuri dwar il-GDPR, bħala segwitu għad-djalogu tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni li sar f'Lulju 2025, u b'antiċipazzjoni tal-proposta Omnibus Diġitali li ġejja.

Wara r-rapport, il-Kummissjoni adottat proposta għal Omnibus Diġitali[1], li tinkludi diversi emendi għall-GDPR. Filwaqt li l-emendi proposti jindirizzaw xi wħud mill-punti mqajma matul l-iskambji dwar il-kwistjoni fil-Kunsill, ir-rapport tal-Presidenza u l-preżentazzjoni tiegħu matul il-laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni ma għandhomx l-għan li jibdew jew jantiċipaw diskussjonijiet futuri dwar l-inizjattivi leġiżlattivi.

F'dan il-kuntest, il-Presidenza tenfasizza li r-rapport tagħha jindirizza perspettiva usa', inkluż inizjattivi kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, li jistgħu jitqiesu sabiex jikkontribwixxu għal aktar inizjattivi ta' politika relatati mas-simplifikazzjoni u l-applikazzjoni tal-ġabra ta' regoli diġitali tal-UE bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kompetittività dinjija tal-Unjoni.

---

[1] Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/679, (UE) 2018/1724, (UE) 2018/1725, (UE) 2023/2854 u d-Direttivi 2002/58/KE, (UE) 2022/2555 u (UE) 2022/2557 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-qafas leġiżlattiv diġitali, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1807, (UE) 2019/1150, (UE) 2022/868, u d-Direttiva (UE) 2019/1024 (Omnibus Diġitali)

ANNESS

RAPPORT MILL-PRESIDENZA

IT-TRIQ 'IL QUDDIEM GĦAL APPLIKAZZJONI SIMPLIFIKATA TAL-GDPR

PUBLIC

I. INTRODUZZJONI U SFOND

Minn meta ġie adottat fl-2016, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) sar wieħed mill-atti leġiżlattivi emblematiċi tal-Unjoni, li jittrasponi l-attivitajiet ta' kuljum tal-organizzazzjonijiet u l-individwi fl-objettiv li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-data personali u li titrawwem fiduċja fil-flussi transfruntieri ta' data fl-Unjoni.

Fl-aħħar pożizzjoni tiegħu dwar l-applikazzjoni tal-GDPR, adottata f'Diċembru 2023[1], il-Kunsill qies li r-Regolament għadu suċċess. Dan wassal għal riżultati pożittivi għall-armonizzazzjoni tad-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u t-tisħiħ ta' kultura ta' protezzjoni tad-data fil-livell tal-UE. L-applikazzjoni tiegħu żiedet il-fiduċja u ċ-ċertezza legali, iffaċilitat il-flussi transfruntieri ta' data fl-UE, u b'hekk ibbenefikaw is-suq intern u l-iżvilupp tal-ekonomija diġitali.

Madankollu, il-Kunsill indika li għad hemm sfidi prattiċi fl-implimentazzjoni għall-organizzazzjonijiet privati u pubbliċi, u li l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-GDPR xorta waħda tibbenefika minn aktar ċarezza u gwida sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċertezza legali. Għalhekk, il-Kunsill esprima l-ħtieġa li jiġu esplorati miżuri biex tiġi ffaċilitata l-konformità mal-GDPR, partikolarment għal entitajiet iżgħar.

[1] ST 15507 2023 - Pożizzjoni tal-Kunsill u sejbiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data

Din il-valutazzjoni mbagħad evolviet matul din l-esplorazzjoni, notevolment fil-kuntest tal-iżvilupp ulterjuri tal-ġabra ta' regoli diġitali tal-UE, iżda wkoll fl-indirizzar tal-ħtieġa dejjem tikber ta' regolamentazzjoni aktar sempliċi u t-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji, bħala passi strumentali lejn Ewropa aktar kompetittiva, aktar sempliċi u aktar rapida.

Huwa f'dan il-kuntest, u bil-ħsieb li **jinbeda dibattitu aktar ġenerali favur applikazzjoni simplifikata tal-GDPR**, li l-Presidenza Daniża b'mod attiv ipprovdiet pjattaforma għal **diskussjonijiet politiċi u tekniċi fil-Kunsill, sabiex tiġi ffaċilitata t-triq 'il quddiem għall-futur tal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data** u biex jiġi żgurat li l-kontribut tal-Istati Membri jitqies fir-riflessjonijiet tal-Kummissjoni li għaddejjin dwar il-GDPR[2].

Dan id-dibattitu għandu jitqiesu ukoll fid-dawl tal-prijorità tal-Presidenza Daniża li tappoġġa l-progress fl-aġenda ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni. F'konformità mas-sejħa tal-Kapijiet Ewropej ta' Stat u ta' Gvern biex jintużaw l-istrumenti u l-politiki kollha biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-Unjoni[3], il-Presidenza tqis li huwa importanti li jiġi vvalutat ukoll kif l-atti leġiżlattivi tal-UE relatati mal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jistgħu jiġu ssimplifikati biex tissaħħaħ il-kompetittività globali tal-Unjoni Ewropea.

Waħda mill-inizjattivi rilevanti f'dan ir-rigward hija l-proposta Omnibus IV, li tinkludi modifiki mmirati tal-GDPR li jnaqqsu l-piż tal-obbligi li l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs) u l-Kumpaniji Żgħar b'Kapitalizzazzjoni Medja jżommu reġistri. F'Settembru 2025 diġà nkiseb approċċ ġenerali tal-Kunsill dwar din il-proposta.

---

2 https://commission.europa.eu/document/download/835dfd02-a38c-4cc3-ba53-5b0499e2b8b9_en?filename=Summary%20Conclusions%20Implementation%20Dialogue%20on%20the%20GDPR.pdf

3 https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/11/08/the-budapest-declaration/

Lil hinn minn din il-proposta, il-Presidenza tat bidu għal dibattitu ta' orjentazzjoni aktar ġenerali, li jkompli fejn ħallew żewġ diskussjonijiet ewlenin li mmarkaw stadji importanti:

– Fit-23 ta' Lulju 2025, matul il-laqgħa informali tagħhom f'Copenhagen, **il-Ministri għall-Ġustizzja kellhom sessjoni ta' ħidma dwar "Is-Simplifikazzjoni u l-GDPR - l-ibbilanċjar tal-kompetittività u d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali f'qafas legali Ewropew b'saħħtu"**.

– Fl-10 ta' Ottubru 2025, b'segwitu għad-diskussjoni Ministerjali, **il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-Data kellu diskussjoni ddedikata dwar it-tnaqqis tal-piż amministrattiv relatat mal-GDPR**.

Dan ir-rapport tal-Presidenza għandu l-għan li jiġbor fil-qosor u janalizza r-riżultat u t-tagħlimiet ewlenin minn dawn id-diskussjonijiet, flimkien ma' toroq possibbli 'l quddiem bil-ħsieb li jsir kontribut għal riflessjonijiet futuri dwar il-GDPR, bħala segwitu għad-djalogu tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni li sar f'Lulju 2025, u b'antiċipazzjoni tal-proposta Omnibus Diġitali li ġejja.

II. INDIRIZZAR TAL-ĦTIEĠA LI JIĠU BBILANĊJATI D-DRITTIJIET FUNDAMENTALI, IL-KOMPETITTIVITÀ U L-INNOVAZZJONI FL-AMBITU TAL-GDPR

Il-Presidenza stinkat biex tipprovdi pjattaforma biex tappoġġa diskussjoni komprensiva dwar is-simplifikazzjoni u l-GDPR, b'attenzjoni partikolari għall-kwistjoni ta' oqsma jew tipi ta' sitwazzjonijiet meta l-GDPR jista' jirriżulta f'piż mhux meħtieġ u għalhekk jista' jiġi ssimplifikat.

Ir-riflessjoni politika mibdija enfasizzat dijalettika kostanti bejn żewġ għanijiet politiċi ġenerali: **il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali u l-appoġġ għall-kompetittività u l-innovazzjoni fis-suq diġitali Ewropew**. Matul l-iskambji li saru taħt il-Presidenza Daniża, ġie mfakkar li l-GDPR għadu strument importanti biex tiġi ssalvagwardata d-data personali tal-individwi filwaqt li fl-istess ħin ikun possibbli l-fluss tad-data fl-Unjoni u lil hinn minnha.

– Inġenerali, il-Presidenza tqis li l-fehmiet differenti li ġew espressi affermaw mill-ġdid l-impenn politiku għar-rwol fundamentali tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni u l-importanza orizzontali tas-simplifikazzjoni. Għalhekk, il-fehmiet irriflettew approċċ ibbilanċjat: il-preservazzjoni tal-prinċipji protettivi robusti tal-GDPR filwaqt li jsiru sforzi biex jiġu identifikati titjib u kjarifiki mmirati li jtejbu l-implimentazzjoni prattika, inaqqsu l-piżijiet mhux meħtieġa, u jiżguraw artikolazzjoni armonjuża mal-ġabra ta' regoli diġitali tal-UE.

– Il-Presidenza tinnota li partijiet sostanzjali mill-kontribut li rċeviet jirrifletti rieda li jitqiesu emendi mmirati għall-GDPR abbażi ta' evidenza prattika. Fl-istess ħin, bħala argumenti deċiżivi kontra anke emendi mmirati, xi delegazzjonijiet isemmu tħassib relatat mal-impatt fil-livell ta' protezzjoni u fuq iċ-ċertezza legali għan-negozju.

– Il-Presidenza tenfasizza li fost l-Istati Membri ma tidher l-ebda ħtieġa li l-GDPR jerġa' jinfetaħ għalkollox, u li l-fehma prevalenti hija li l-prinċipji ewlenin, il-loġika u l-istruttura tar-regolament urew li huma qafas li rnexxa u reżiljenti. Madankollu, il-ħtieġa ta' aktar gwida u appoġġ fl-applikazzjoni tagħhom tibqa' urġenti.

Il-Presidenza tqis li d-diskussjoni li saret fil-livell politiku tat impetu siewi biex isiru diskussjonijiet fil-livell tekniku fil-Kunsill sabiex **jingħata aktar kontribut lid-diskussjonijiet politiċi li għaddejjin relatati mas-simplifikazzjoni u l-ġabra ta' regoli diġitali tal-UE**.

Il-Kummissjoni Ewropea kkontribwiet ukoll għall-iskambji li saru f'dawn l-aħħar xhur, partikolarment billi qasmet il-feedback li rċeviet bħala parti mid-djalogu dwar l-implimentazzjoni tal-GDPR li sar f'Lulju 2025, iżda wkoll billi tat informazzjoni dwar ir-riflessjonijiet tiegħu u inizjattivi ta' segwitu possibbli.

III. RIFLESSJONIJIET FIL-FOND DWAR IT-TRIQ 'IL QUDDIEM GĦAL APPLIKAZZJONI SIMPLIFIKATA TAL-GDPR

Id-diskussjoni ddedikata li saret fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-Data fl-10 ta' Ottubru 2025 kienet ta' benefiċċju partikolari għall-kunsiderazzjonijiet fil-fond dwar miżuri konkreti biex tiġi ffaċilitata l-konformità mal-GDPR – kemm bi gwida kif ukoll b'simplifikazzjonijiet immirati possibbli. Din id-diskussjoni kienet preċeduta minn skambju ta' fehmiet mas-Sa Anu Talus, President tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDBP), li ffoka b'mod partikolari fuq id-Dikjarazzjoni ta' Helsinki tal-Bord dwar aktar ċarezza, appoġġ u involviment[4]. Dan l-iskambju għamilha possibbli li tinkiseb aktar informazzjoni intuwittiva dwar l-inizjattivi l-ġodda tal-EDPB biex il-konformità mal-GDPR issir aktar faċili, partikolarment għall-organizzazzjonijiet mikro, żgħar u ta' daqs medju, biex tissaħħaħ il-konsistenza u tingħata spinta lill-kooperazzjoni transregolatorja.

[4] The Helsinki Statement on enhanced clarity, support and engagement - A fundamental rights approach to innovation and competitiveness, adottata fit-2 ta' Lulju 2025: edpb-statement-20250702-enhanced-clarity-support-engagement_en_0.pdf

Matul din id-diskussjoni fil-fond fil-Grupp ta' Ħidma, id-delegazzjonijiet intalbu jirriflettu dwar il-miżuri kollha, leġiżlattivi jew le, li jistgħu jikkontribwixxu biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi relatati mal-GDPR[5], bil-ħsieb li jingħata aktar kontribut lill-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni li għadhom għaddejjin u lill-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Helsinki tal-EDPB. Bħala segwitu għal din id-diskussjoni, il-Presidenza rċeviet kontributi bil-miktub[6] minn disa' delegazzjonijiet, li jkomplu jindirizzaw l-elementi ewlenin li għandhom jiġu indirizzati biex tiġi ffaċilitata l-konformità mal-GDPR.

– Id-diskussjonijiet fil-livell tekniku jidhru li jikkonfermaw direzzjoni politika kontinwa: **il-preservazzjoni tal-prinċipji ewlenin tal-GDPR filwaqt li jitneħħew l-ostakli proċedurali li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-kontrolluri iżgħar**. Il-proporzjonalità u l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju ħarġu bħala lenti analitika importanti għal dan il-għan.

– Id-diskussjoni u l-kontributi li waslu kkonfermaw li hemm **konsensus ġenerali li jkun kontroproduttiv li l-GDPR bħala qafas legali jerġa' jinfetaħ għalkollox**. Xi delegazzjonijiet enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li jiġu żgurati konsultazzjoni wiesgħa u proposti bbażati fuq l-evidenza għal kwalunkwe aġġustament jew titjib ulterjuri tal-qafas leġiżlattiv.

– Hemm kunsens ġenerali li **titjib fl-infurzar, il-gwida u l-implimentazzjoni jista' jikkontribwixxi għal applikazzjoni simplifikata tal-GDPR**. Għadd ta' delegazzjonijiet ressqu wkoll **proposti konkreti għal emendi mmirati għall-qafas leġiżlattiv attwali**.

---

5 WK 12926 2025 - Easing administrative burdens related to the General Data Protection Regulation (GDPR) - Dokument ta' diskussjoni

6 WK 14186 2025 - Easing administrative burdens related to the General Data Protection Regulation (GDPR) - Kummenti mill-Istati Membri

PUBLIC

a) Opportunitajiet ta' simplifikazzjoni fil-qafas legali attwali

Id-delegazzjonijiet kollha qiesu li, fil-qafas legali attwali stabbilit mill-GDPR, għandhom jitqiesu u jiġu prijoritizzati inizjattivi speċifiċi mhux leġiżlattivi, bi **rwol ewlieni għall-awtoritajiet superviżorji u l-EDPB fis-simplifikazzjoni tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-GDPR**. Għal dan il-għan, l-Istati Membri laqgħu tajjeb id-Dikjarazzjoni ta' Helsinki tal-EDPB u ħeġġew it-tkomplija tal-implimentazzjoni tagħha bħala prijorità.

– *Il-ħtieġa ta' gwida aktar ċara, aktar prattika u bbażata fuq ir-riskju*: jidher li hemm konsens ġenerali għal gwida speċifika għas-setturi, mudelli illustrattivi, listi ta' kontroll u linji gwida konċiżi li jittrasponu l-obbligi astratti tal-GDPR f'passi konkreti għall-kontrolluri u l-proċessuri. F'dan ir-rigward, issemmew b'mod partikolari kwistjonijiet speċifiċi bħall-anonimizzazzjoni u l-psewdonimizzazzjoni, ir-riċerka xjentifika jew il-protezzjoni tal-minorenni. Diversi delegazzjonijiet sejħu wkoll biex l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju minqux fil-GDPR jiġi integrat u rifless aktar fl-interpretazzjoni u l-gwida mogħtija mill-awtoritajiet superviżorji u l-EDPB fil-linji gwida rispettivi tagħhom.

– *Proċeduri msaħħa biex jiġu kkonsultati l-partijiet ikkonċernati u l-prattikanti:* Id-delegazzjonijiet enfasizzaw il-valur ta' proċeduri regolari u trasparenti biex issir konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji u l-partijiet ikkonċernati u l-prattikanti fil-livell nazzjonali u tal-UE. Dawn il-konsultazzjonijiet iżidu l-fiduċja bejn il-partijiet ikkonċernati u l-awtoritajiet superviżorji, jgħinu lill-awtoritajiet superviżorji jifhmu liema kwistjonijiet jikkawżaw inċertezza fil-prattika, u jżidu t-trasparenza.

PUBLIC

– *Simplifikazzjoni permezz ta' interpretazzjoni armonizzata*: xi wħud mid-delegazzjonijiet indikaw ir-rwol ċentrali tal-EDPB fl-iżgurar ta' interpretazzjoni konsistenti u armonizzata tal-GDPR. Il-linji gwida tal-Bord u l-applikazzjoni sħiħa u effettiva tal-mekkaniżmu ta' konsistenza previst skont il-GDPR għandhom inaqqsu l-interpretazzjonijiet nazzjonali diverġenti u jrażżnu l-approċċi kawti żżejjed għall-konformità. B'mod partikolari xi delegazzjonijiet talbu wkoll listi għall-UE kollha tal-attivitajiet ta' pproċessar li għalihom mhijiex meħtieġa valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data (DPIA) (l-hekk imsejħa "lista bajda").

– *Għodod għall-konformità mfassla apposta u oqfsa ta' referenza lesti biex jintużaw*: għadd kbir ta' delegazzjonijiet sejħu għall-iżvilupp ta' sett uniformi ta' għodod prattiċi għall-konformità, li jistgħu jkunu ta' benefiċċju partikolari għall-organizzazzjonijiet żgħar. Dan jista' jinkludi pereżempju mudelli għan-notifika ta' ksur tad-data, rekords tal-attivitajiet ta' pproċessar u DPIA. L-għodod previsti skont il-GDPR, b'mod partikolari l-kodiċijiet ta' kondotta u ċ-ċertifikazzjoni, issemmew ripetutament bħala ta' benefiċċju biex jiffaċilitaw il-konformità; dawn għandhom jiġu promossi aktar, jingħataw appoġġ u jitfasslu apposta sabiex jiġu adattati b'mod partikolari għall-ħtiġijiet ta' organizzazzjonijiet iżgħar. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja ġie enfasizzat bħala partikolarment rilevanti biex tiġi appoġġata l-innovazzjoni.

– *Appoġġ immirat għall-SMEs u organizzazzjonijiet żgħar oħra*: id-diskussjoni għamlitha wkoll possibbli li jiġu identifikati għadd ta' miżuri mhux leġiżlattivi li jistgħu jtaffu l-piż amministrattiv fuq l-operaturi iżgħar: portals ta' awtovalutazzjoni jew kwestjonarji ggwidati online. Issemmew ukoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mill-awtoritajiet superviżorji, finanzjament għal programmi ta' taħriġ u l-istabbiliment ta' helpdesks iddedikati.

– *Diġitalizzazzjoni u riżorsi*: bħala żvilupp siewi biex jittejbu l-infurzar u l-applikazzjoni mingħajr xkiel tal-GDPR, diversi delegazzjonijiet semmew soluzzjonijiet innovattivi u d-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-għodod disponibbli għall-awtoritajiet superviżjorji biex jikkooperaw bejniethom u jinteraġixxu mas-suġġetti tad-data u partijiet ikkonċernati oħra. Il-ħtieġa ta' riżorsi xierqa għall-awtoritajiet superviżorji kienet marbuta wkoll ma' din ir-rakkomandazzjoni.

– *Kjarifika tal-interazzjoni bejn il-GDPR u leġiżlazzjonijiet oħra tal-UE*: il-kooperazzjoni fost ir-regolaturi kompetenti u l-ħtieġa ta' linji gwida konġunti mill-EDPB u l-Kummissjoni Ewropea ġew identifikati bħala elementi ewlenin biex tiġi ċċarata aktar l-interazzjoni bejn il-GDPR u partijiet oħra mill-ġabra ta' regoli diġitali tal-UE, b'mod partikolari l-Att dwar l-IA, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar is-Swieq Diġitali u d-Direttiva NIS 2. F'dan ir-rigward, xi delegazzjonijiet irreferew ukoll għal-leġiżlazzjoni settorjali li tinkludi dispożizzjonijiet individwali dwar l-ipproċessar tad-data personali.

b) Opzjonijiet tentattivi għal emendi mmirati tal-GDPR

Il-Presidenza tinnota li d-delegazzjonijiet jieħdu pożizzjonijiet differenti rigward kemm jixtiequ li jsiru aktar emendi għall-GDPR f'dan l-istadju. Grupp ta' delegazzjonijiet **isemmi tħassib** dwar l-impatt fuq il-livell ta' protezzjoni u ċ-ċarezza legali għan-negozju bħala argumenti deċiżivi kontra anke emendi mmirati. Grupp ieħor ta' delegazzjonijiet indika r-**rieda li jqis** proposti fil-futur skont il-ġustifikazzjonijiet li jakkumpanjawhom. It-tielet grupp ta' delegazzjonijiet **issuġġerixxa proposti konkreti għal emendi limitati u mmirati** għall-qafas legali attwali sabiex tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni tal-GDPR. Dawn il-proposti jinkludu:

– *Approċċ aktar b'saħħtu bbażat fuq ir-riskju*: Diversi delegazzjonijiet ippropponew li obbligi bħad-dmir li jiġu implimentati obbligi ta' trasparenza (l-Artikoli 13 u 14); il-protezzjoni tad-data mid-disinn (l-Artikolu 25), ir-rekwiżit li jinżammu reġistri tal-attivitajiet ta' pproċessar (l-Artikolu 30) u d-dmir li l-vjolazzjoni tad-data personali tiġi nnotifikata (l-Artikolu 33) jiġu kkalibrati skont ir-riskju effettiv għas-suġġetti tad-data. Fil-prattika xi delegazzjonijiet qiesu li dan ikun ifisser li l-ipproċessar b'riskju baxx, speċjalment minn entità iżgħar, jista' jiġi eżentat mill-aktar rekwiżiti onerużi ta' dokumentazzjoni u konformità.

– *Tnaqqis tal-piż regolatorju u faċilitazzjoni tal-konformità*: xi delegazzjonijiet issuġġerew miżuri mmirati sabiex jitnaqqas il-piż li jinvolvu ċerti obbligi tal-GDPR, speċjalment għall-entitajiet iżgħar. Dan jinkludi l-possibbiltà li l-obbligi ta' informazzjoni (l-Artikoli 13 u 14) jiġu ssodisfati billi jingħata URL jew kodiċi QR permanenti li jwassal għal avviż ta' privatezza dettaljat, emendi speċifiċi biex jiġi miġġieled l-impatt ta' talbiet abbużivi (l-Artikoli 15 u 57) u l-possibbiltà li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni skont l-Artikolu 24.

– *Simplifikazzjoni tan-notifiki ta' vjolazzjoni tad-data*: simili għad-diskussjonijiet preċedenti li nbdew taħt il-Presidenza Pollakka f'dan ir-rigward, diversi delegazzjonijiet issuġġerew punt uniku ta' kuntatt jew "one-stop shop" għar-rappurtar ta' inċidenti transfruntieri skont l-oqfsa tal-UE għall-protezzjoni tad-data u ċ-ċibersigurtà, sabiex jiġu evitati sottomissjonijiet doppji lil diversi awtoritajiet superviżorji. Il-prinċipju ta' "darba biss", fejn l-informazzjoni mogħtija lil regolatur partikolari tkun tista' terġa' tintuża minn ieħor, issemma bħala mod kif jitnaqqas ir-rappurtar ripetittiv. Għadd ta' delegazzjonijiet issuġġerew li jiġi ssimplifikat il-limitu biex l-awtoritajiet superviżorji jiġu nnotifikati bi vjolazzjoni tad-data. Waħda mid-delegazzjonijiet issuġġeriet ukoll li tiġi inkluża skadenza ta' tlett ijiem tax-xogħol biex tiġi nnotifikata vjolazzjoni tad-data (minflok it-72 siegħa attwali).

– *Kjarifika tad-definizzjoni u l-kunċetti biex tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni*: waħda mid-delegazzjonijiet semmiet il-ħtieġa li jiġi ċċarat il-kunċett ta' teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet (l-Artikolu 22), il-kontroll konġunt (l-Artikolu 26) jew l-arranġamenti ta' pproċessar (l-Artikolu 28) sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità. Issemmiet ukoll il-ħtieġa li tiġi adattata l-artikolazzjoni bejn l-anonimizzazzjoni u l-psewdonimizzazzjoni, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE. Waħda mid-delegazzjonijiet semmiet ukoll xi diffikultajiet rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 9 għall-ħidma ta' għajnuna f'każ ta' diżastru.

PUBLIC

– *Infurzar adattat għas-sitwazzjoni*: xi wħud mid-delegazzjonijiet iqisu wkoll il-ħtieġa li tingħata ħarsa lejn id-dispożizzjonijiet tal-GDPR b'rabta mal-infurzar tiegħu u l-impożizzjoni ta' miżuri korrettivi u multi amministrattivi, u qed jipproponu approċċ ta' "rimedju qabel sanzjoni" għal ksur minuri u aktar integrazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju meta jiġi definit il-livell ta' sanzjonijiet impost. B'mod simili, waħda mid-delegazzjonijiet qieset li d-dritt li jitressaq ilment isir jiddependi minn ċerti kundizzjonijiet.

– *Żgurar tal-konsistenza orizzontali tal-ġabra ta' regoli diġitali:* Ħafna delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza mal-GDPR fil-ġabra kollha ta' regoli diġitali tal-UE. Xi delegazzjonijiet iqisu li linji gwida konġunti u kooperazzjoni transregolatorja jkunu biżżejjed għal dan il-għan, filwaqt li oħrajn indikaw li jista' jintlaħaq grad ogħla ta' konsistenza b'emendi leġiżlattivi.

IV. KONKLUŻJONI U T-TRIQ 'IL QUDDIEM

Abbażi ta' dan il-fluss ta' diskussjoni li sar taħt il-Presidenza Daniża, jista' jiġi enfasizzat li l-GDPR għadu strument importanti biex jiġu ssalvagwardati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali hekk kif ftuħ għalkollox mill-ġdid tal-GDPR jitqies bħala kontroproduttiv. Madankollu, il-Presidenza tqis li għadu possibbli li jittaffa l-piż amministrattiv u regolatorju li jimponi fuq ħafna kontrolluri, speċjalment SMEs u organizzazzjonijiet ibbażati fuq il-voluntiera, b'kombinament ta' **gwida ċara u prattika**, **faċilitazzjoni u riżorsi diġitali**, **l-integrazzjoni ulterjuri ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju** u possibbilment b'**raffinamenti leġiżlattivi limitati u mmirati**.

Għalhekk, il-Presidenza tfakkar li l-Istati Membri laqgħu tajjeb id-Dikjarazzjoni ta' Helsinki tal-EDPB u ħeġġew it-tkomplija tal-implimentazzjoni tagħha bħala prijorità. Il-Presidenza tinnota wkoll li l-Omnibus Diġitali li ġej tal-Kummissjoni jista' jagħti l-opportunità li jiġu esplorati aktar xi wħud mill-mistoqsijiet imniżżla f'dan ir-rapport.

Il-Presidenza tenfasizza li **ċ-ċertezza legali, il-kompetittività tan-negozji Ewropej u livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali** kienu objettiv rikorrenti u komuni matul din id-diskussjoni strateġika, li għandha tikkontribwixxi għal żviluppi futuri fil-politika u l-leġiżlazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Presidenza tinnota li, skont l-opinjoni prevalenti fil-Kunsill, l-iżgurar tal-konsistenza fl-atti legali kollha huwa essenzjali biex tinkiseb applikazzjoni simplifikata tal-GDPR. F'dan il-kuntest, il-Presidenza tixtieq tenfasizza li jista' jkun ta' benefiċċju li ssir riflessjoni mhux biss dwar kif jistgħu jiġu indirizzati l-inkonsistenzi jew in-nuqqas ta' ċarezza fil-qafas legali attwali – iżda wkoll dwar kif jista' jiġi evitat il-ħolqien ta' inkonsistenzi jew nuqqas ta' ċarezza fil-kuntest ta' proposti leġiżlattivi futuri li jidħol fihom il-GDPR.

PUBLIC